# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 ta' Mejju, 2018.**

**Rikors Numru 950/2017**

**Robert Desira (K.I. Nru. 221172M) u martu**
**Caroline Desira (K.I. Nru. 159575M)**

**vs.**

**Catherine *sive* Katie armla ta' John**
**Farrugia (K.I. Nru. 683055M)**
**personalment u kif ukoll bhala**
**l-uniku eredi tal-mejjet zewgha**
**John Farrugia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1 u 5):

1.1. Illi permezz ta' skrittura privata datata t-22 ta' Gunju, 2015, selfu l-ammont ta' hmistax -il elf euro, (€15,000.00), lill-intimat John Farrugia, bl-imghax ta' hamsa u nofs fil-mija, (5 ½ %), fis-sena, (ara foll 4);

1.2. Illi l-imsemmi John Farrugia miet fis-6 t'Ottubru, 2015;

1.3. Illi l-intimata Catherine *sive* Katie Farrugia hi l-armla u l-unika eredi ta' zewgha John Farrugia fuq indikat;

1.4. Illi *nonostante* li l-istess intimata Catherine *sive* Katie Farrugia kienet interpellata biex thallas lura l-ammont misluf lil zewgha, u irrikonoxxiet li ghandha thallas l-ammont hekk misluf lir-rikorrenti, baqghet inadempjenti;

1.5. Illi sat-12 ta' Lulju, 2017, meta ipprezentaw ittra ufficjali fir-rigward lill-imsemmija intimata, huma kellhom jiehdu minghandha l-ammont komplessiv ta' sittax -il elf sitt mija u sebgha u disghin euro, (€16,697.00);

1.6. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hi wiehed cert, likwidu u dovut, li ghalih l-intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'tissottometti;

1.7. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex din:

1.7.1. Tiddeciedi r-rikors guramentat promotur bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikli 167 sa 171 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

1.7.2. Tiddikjara li l-intimata hi responsabbli ghall-hlas tal-ammont komplessiv ta' €16,697.00, u dan kwantu ghall-€15,000.00 f'kapital misluf, flimkien mal-imghax legali fuq l-ammont ta' €1,697.00,

mit-12 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' €16,697.00, u dan kwantu ghall-€15,000.00 f'kapital misluf u kwantu ghall-€1,697.00 f'imghaxijiet sat-12 ta' Lulju, 2017, data tal-ittra ufficjali fuq riferita, u dan, flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta' €16,697.00 mit-13 ta' Lulju, 2017, sad-data tal-pagament effettiv;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-23 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 6);

3. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat it-30 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward tal-kwistjoni tad-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikli 167 sa 171 tal-Kap 12, ghar-ragunijiet hemm indikati iddikjarat li l-mertu jittratta dejn cert, likwidu u dovut, u awtorizzat lir-rikorrenti jkomplu bil-provi, (ara foll 17);

4. Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

5. Illi din hi kawza rigwardanti dejn cert, likwidu u dovut naxxenti minn skrittura privata datata t-22 ta' Gunju, 2015, (ara foll 4);

6. Illi permezz tal-imsemmija skrittura r-rikorrenti sellfu lil John Farrugia l-ammont ta' €15,000.00 bl-imghax ta' 5½ % fis-sena, (ara foll 4);

7. Illi l-imsemmi John Farrugia miet fis-6 t'Ottubru, 2015, (ara foll 5 u 18);

8. Illi l-intimata mart l-imsemmi John Farrugia, kienet sussegwentement interpellata permezz t'ittra ufficjali datata t-12

ta' Lulju, 2017, biex thallas il-kapital misluf lil zewgha flimkien mal-imghax relattiv, (ara foll 5 u 18), izda inutilment;

9. Illi l-intimata Farrugia ghadha inadempjenti;

10. Illi l-ammont minnha dovut lir-rikorrenti kif fuq spjegat hu wiehed cert, likwidu u dovut;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw it-talbiet taghhom, u konsegwentement:

**DECIDE:**

11.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

11.2. Tiddikjara li l-intimata Catherine *sive* Katie armla ta' John Farrugia hi responsabbli ghall-hlas tal-ammont komplessiv ta' €16,697.00, u dan kwantu ghall-€15,000.00 f'kapital misluf u inkwantu ghall-€1,697.00 f'imghaxijiet sat-12 ta' Lulju, 2017, oltre wkoll l-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta' €16,697.00 mit-13 ta' Lulju, 2017, sal-pagament effettiv;

11.3. Tikkundanna lill-istess intimata fuq indikata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti flimkien mal-imghaxijiet dovuti u hemm ukoll separatament indikati sal-pagament effettiv;

11.4. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**